

*Waqt l-Ewkaristija ta' radd Il-ħajr. Jidher Mons. Isqof Mario Grech waqt kelmtejn ta' l-okkażjoni*

# Dun Ġużepp Piscopo jiċċelebra l-50 Sena ta' ħajja Saċerdotali

Ir-raħal ta' San Lawrenz sebaħ f'arja ta' festa. Minn filgħodu il-qniepen ħabbru li dan ir-raħal kien qed jiċċelebra xi ħaġa speċjali. Il-banda ċittadina La Stella telgħet lejn Triq Ċangura minn fejn flimkien mal-Kappillan, Dun Nazju Borg, Dun Charles Sultana u Patri Gabriel Micallef li kien għal xi ġimgħat Għawdex mill-Awstralja u saċerdoti oħra wasslu lil Dun Ġużepp Piscopo lejn il-Knisja Parrokjali, l-istess Knisja li fiha Dun Ġużepp ħamsin sena ilu qaddes l-ewwel quddiesa tiegħu.

Il-Knisja kienet ippakkjata bil-familjari, qraba, ħbieb u l-parruċċani ta' San Lawrenz li ngħaqdu ma' Dun Ġużepp f'din l-okkażjoni speċjali mhux biss għalih imma anke għall-komunità kollha Lawrenzjana. Ir-Rettur tas-Seminajru l-eks kappillan ta' dan ir-raħal, Dun Daniel Xerri niseġ kelmtejn tassew sbieħ dwar is-saċerdozju u kif is-saċerdot huwa l-bniedem ta' Alla għall-qadi ta' għajru.



*Fil-grawnd ta' l-iskola primarja ta' San Lawrenz. Dun Ġużepp jaqsam kejk ta' l-okkażjoni. Jidhru wkoll mix-xellug, Dun Daniel Xerri, Patri Gabriel Micallef, il-Kappillan Dun Nazju Borg u Noel Formosa, Sindku tal-lokalità.*

Fl-aħħar tal-quddiesa l-Kappillan Dun Nazju Borg irringazzja wkoll lill Dun Ġużepp tax-xhieda tiegħu tas-saċerdozju nisrani.

Wara dan il-messaġġ inqraw żewġ poeżiji waħda ta' Rita Cauchi u l-oħra ta' Dun Manwel Cutajar, li jinsab missjunarju fl-Albanija u li ma setax ikun fil-Parroċċa Lawrenzjana minħabba xogħol ta' ċerta urġenza fil-missjoni tiegħu.

Għal din l-okkażjoni attenda wkoll Mons. Isqof Mario Grech li għamel ukoll kelmtejn ta' l-okkażjoni.

Wara ċ-ċelebrazzjoni Ewkaristika ta' radd il-ħajr, kien hemm *refreshments* fil-grawnd ta' l-iskola primarja.



*Waqt il-velja liturġika f'Ġieħ San Ġorġ*

# Velja f'ġieħ San Ġorġ

Il-festa liturġika ta' San Ġorġ, din is-sena fost l-oħrajn ġiet iċċelebrata b'velja liturġika lejlet il-jum tal-martirju tal-qaddis.

Iċ-ċelebrazzjoni ta' siegħa u nofs, li għaliha nħarġet l-istatwa titulari fil-bieb tal-bażilika ddedikata lilu fil-Belt Victoria, saret fil-pjazza quddiem l-istess knisja u tmexxiet mill-Arċipriet Mons. Pawlu Cardona. Fl-istess parroċċa l-festa ta' San Ġorġ tiġi ċċelebrata fuq skala ikbar fi programm estensiv li jilħaq il-qofol tiegħu nhar it-tielet Ħadd ta' Lulju, meta l-istatwa, kapulavur fl-injam ta' Pietru Pawl Azzopardi (1838), toħroġ proċessjonalment mat-toroq tal-Belt Victoria.

Fil-velja ta' qari, talb u kant, li ntemmet bil-barka Ewkaristika, ħadu sehem il-kapitlu tal-kolleġġjata Ġorġjana, il-kor *Laudate Pueri*, u l-banda Ċittadina *La Stella*.

B'dawn il-festi, li laħqu l-qofol tagħhom f'konċelebrazzjoni pontifikali minn Mons. Nikol Cauchi, Isqof Emeritu ta' Għawdex, ġiet miftuħa t-tifkira ċinkwantenarja tal-Bażilika Ġorġjana, imwaqqfa mill-Papa Piju XII fl-1958.

## AĦBARIJIET MINN GĦAWDEX ma' Charles Spiteri





*Mons. Isqof Nikol Cauchi jifraħ lil Pawla Scicluna, fl-okkażjoni ta' 100 sena ħajja.*

# Pawla Scicluna tagħlaq 100 Sena

**Pawla Scicluna**, xebba mir-Rabat, Għawdex jew aħjar mill-inħawi ta' Pjazza Savina, nhar il-Ħadd 4 ta' Mejju laħqet l-età venerabbli ta' 100 sena.

Għal din l-okkażjoni nhar is-Sibt 3 ta' Mejju, filgħaxija, fil-Knisja Katidrali, l-Isqof Emeritu għal Għawdex, Mons. Nikol Ġużeppi Cauchi kkonċelebra quddiesa ta' ringrazzjament flimkien man-nepputi tagħha, Mons. Joseph Bezzina u saċerdoti oħra. Pawla tappartieni l-Parroċċa tal-Katidral u sa 90 sena kienet għadha tiffrekwenta regolarment il-Knisja Katidrali.

Pawla sarulha diversi żjarat, fosthom mill-Prim Ministru Dr Lawrence Gonzi u martu Kate, li ppreżentalha rigal żgħir ta' l-okkażjoni.

Pawla li sa ftit snin ilu kienet għadha toqgħod waħedha f'dar fi Triq l-Assunta, illum tinsab fid-Dar tas-Sorijiet Dumnikani, fir-Rabat, Għawdex.

Sadattant ċelebrazzjoni ta' quddiesa oħra saret il-Ħadd 4 ta' Mejju, filgħaxija, fil-Knisja ta' Pompej, ir-Rabat fejn wara sarilha riċeviment ta' l-okkażjoni mil-Komunità tas-Sorijiet Dumnikani.



*Il-Prim Ministru Dr Lawrence Gonzi waqt iż-żjara li għamel lil Pawla Scicluna.*


**Dizzjunarju - Teżawru ġdid bil-Malti ta' Mario Serracino-Inglott**

*Hard Back*




Waslilna Dizzjunarju-Teżawru ġdid bil-Malti ta' Mario Serracino Inglott. Dizzjunarju tajjeb ħafna għall-użu ta' kull Malti

Dan id-Dizzjunarju jinsab għall-bejgħ mill-Uffiċċju ta' **The Maltese Herald PO Box 330 Merrylands NSW 2160** jew billi ċċemplu fuq **(02) 9637 9992**

**Prezz ta' $45 u żidu $10 għall-posta.**